Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fis-27 ta' Marzu 2019[1]

**Kawża C-716/17**

**A**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Østre Landsret (il-Qorti tal-Appell tar-Reġjun tal-Lvant, id-Danimarka))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ħaddiema – Restrizzjonijiet għall-moviment liberu – Ftuħ ta' proċedura ta' tħassir ta' dejn – Kundizzjoni ta' residenza – Ammissibbiltà"

## I. Introduzzjoni

1. Fis-sentenza Radziejewski[2], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta l-għoti ta' miżura ta' tħassir ta' dejn għal kundizzjoni ta' residenza fl-Istat Membru kkonċernat tikkostitwixxi restrizzjoni għall-moviment liberu tal-ħaddiema, li fil-prinċipju hija pprojbita mill-Artikolu 45 TFUE.

2. Din il-kawża tirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk leġiżlazzjoni Daniża fil-qasam tal-ġurisdizzjoni fil-proċeduri ta' tħassir ta' dejn tmurx kontra l-Artikolu 45 TFUE. Bid-differenza għall-qorti tar-rinviju fil-kawża li tat lok għas-sentenza Radziejewski[3], il-qorti tal-oriġini tad-digriet tar-rinviju f'din il-kawża tikkunsidra li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni tikkostitwixxi restrizzjoni għall-moviment liberu tal-ħaddiema. Għalhekk, permezz tal-ewwel domanda preliminari tagħha, l-Østre Landsret (il-Qorti tal-Appell tar-Reġjun tal-Lvant, id-Danimarka) tistaqsi dwar jekk din ir-restrizzjoni tistax madankollu titqies iġġustifikata. Permezz tat-tieni domanda preliminari tagħha, magħmula sussidjarjament, din il-qorti tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar jekk, fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, l-Artikolu 45 TFUE għandux effett dirett fir-rigward tal-kredituri privati ta' debitur li ppreżenta talba għal tħassar ta' dejn.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.
2 Sentenza tat-8 ta' Novembru 2012, (C-461/11, EU:C:2012:704, punt 32).
3 Sentenza tat-8 ta' Novembru 2012, (C-461/11, EU:C:2012:704).

## II. Il-kuntest ġuridiku

### A. Id-dritt tal-Unjoni

#### *1. Ir-Regolament (KE) Nru 44/2001*

3. L-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 44/2001[4] jistabbilixxi:

"1. Dan ir-Regolament għandu japplika f'materji ċivili u kummerċjali independentament min-natura tal-qorti jew tat-tribunal. M'għandux jestendi b'mod partikolari, għal introjtu minn taxxi, dwana jew materji amministrattivi.

2. Dan ir-Regolament ma japplikax għal:

[…]

b) falliment, proċedimenti li għandhom x'jaqsmu ma' għeluq ta' kumpanija falluti jew ta' persuni ġuridiċi oħra, arranġamenti ġuridiki, komposizzjoni jew proċedimenti analogi;

[…]"

#### *2. Ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012*

4. Skont l-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012[5]:

"1. Dan ir-Regolament għandu japplika fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali independentament min-natura tal-qorti jew tat-tribunal. Huwa m'għandux jestendi, b'mod partikolari, għal kwistjonijiet ta' dħul, dawk doganali jew amministrattivi jew għar-responsabbiltà tal-Istat għal atti u ommissjonijiet fl-eżerċitar tal-awtorità tal-Istat (*acta iure imperii*).

2. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal:

[…]

b) falliment, proċedimenti relatati mal-istralċ ta' kumpanniji insolventi jew ta' persuni ġuridiċi oħra, arranġamenti ġudizzjarji, ftehimiet u proċedimenti analogi;

[…]"

4 Regolament tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42).

5 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU 2012, L 351, p. 1).

### *3. Ir-Regolament (UE) 2015/848*

5. L-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2015/848[6], intitolat "Kamp ta' applikazzjoni", jipprovdi:

"1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-proċedimenti kollettivi pubbliċi, inklużi proċedimenti *interim*, li huma bbażati fuq liġijiet relatati mal-insolvenza u fejn, għall-fini ta' salvataġġ, aġġustament tad-dejn, riorganizzazzjoni jew likwidazzjoni,

[...]

b) l-assi u l-affarijiet ta' debitur ikunu suġġetti għall-kontroll jew is-sorveljanza ta' qorti; jew

[...]"

6. Barra minn hekk, il-premessa 88 tar-Regolament 2015/848 tfakkar li r-Renju tad-Danimarka ma huwiex marbut b'dan ir-regolament u lanqas huwa suġġett għall-applikazzjoni tiegħu. Ir-Renju tad-Danimarka lanqas ma kien marbut bil-predeċessur ta' dan ir-regolament, ir-Regolament (KE) Nru 1346/2000[7].

## B. Id-dritt Daniż

7. Skont l-Artikolu 3tal-konkursloven (il-Liġi dwar il-Falliment):

"1. Kull rikors intiż għas-salvataġġ, għall-falliment jew għat-tħassir ta' dejn għandu jiġi indirizzat lill-qorti stralċjarja tal-post li fih id-debitur jeżerċita l-attività ekonomika tiegħu.

2. F'każ li d-debitur ma jeżerċitax attività ekonomika fir-Renju, ir-rikors għandu jiġi indirizzat lill-qorti stralċjarja tad-distrett ġudizzjarju fejn huwa għandu l-forum ġenerali tiegħu.

[...]"

8. Il-kunċett ta' "forum ġenerali" ("hjemting") għandu jiġi interpretat, b'mod partikolari b'konformità mal-Artikolu 235 tar-retsplejeloven (il-Liġi dwar l-Amministrazzjoni Ġudizzjarja), li huwa fformulat kif ġej:

"1. Kull rikors għandu jiġi ppreżentat quddiem il-forum ġenerali tal-parti konvenuta, sa fejn il-liġi ma tipprovdix mod ieħor.

2. Il-forum ġenerali jinsab fid-distrett ġudizzjarju fejn il-parti konvenuta għandha d-domiċilju tagħha. Jekk il-parti konvenuta hija ddomiċiljata f'diversi distretti ġudizzjarji, il-forum ġenerali jinsab f'wieħed minn dawn.

3. F'każ li l-parti konvenuta ma għandhiex domiċilju, il-forum ġenerali għandu jkun fid-distrett ġudizzjarju tar-residenza tagħha.

4. F'każ li l-parti konvenuta ma għandhix domiċilju u lanqas post ta' residenza magħruf, il-forum ġenerali għandu jkun fid-distrett ġudizzjarju tal-post tal-aħħar domiċilju jew residenza tagħha".

6 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar proċedimenti ta' insolvenza (ĠU 2015, L 141, p. 19, rettifika ĠU 349, 21.12.2016, p. 9).

7 Regolament tal-Kunsill tad-29 ta' Mejju 2000 dwar proċedimenti ta' falliment (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 1, p. 191). Ara l-premessa 33 tar-Regolament.

## III. Il-fatt li wasslu għall-kawża prinċipali

9. Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali, A, huwa ċittadin Daniż li jeżerċita l-attività professjonali tiegħu bħala persuna impjegata fid-Danimarka fejn huwa wkoll suġġett għat-taxxa b'mod illimatat. Huwa jinsab iddomiċiljat fl-Isvezja.

10. Fit-8 ta' Frar 2017, A ppreżenta talba għat-tħassir ta' dejn quddiem is-Sø- og Handelsretten (il-Qorti Marittima u Kummerċjali, id-Danimarka) f'Kopenħagen (id-Danimarka). It-talba kienet tirrigwardja djun fil-konfront ta' kredituri Daniżi, ikkuntrattati sa mis-sena 1999.

11. Permezz ta' digriet tas-6 ta' April 2017, is-Sø- og Handelsretten (il-Qorti Marittima u Kummerċjali) ċaħdet it-talba minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni. Skont din il-qorti, il-qrati Daniżi ma kellhomx ġurisdizzjoni sabiex jieħdu konjizzjoni tal-proċedura ppreżentata minn A, għar-raġuni li dan ma jeżerċitax attività ekonomika għal rasu fil-pajjiż u din ma hijiex il-forum ġenerali tiegħu.

12. Għalhekk, l-Østre Landsret (il-Qorti tal-Appell tar-Reġjun tal-Lvant), bħala qorti tat-tieni istanza, għandha tiddeċiedi jekk qorti Daniża għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tat-talba ta' A intiża sabiex jikseb tħassir ta' dejn. Din il-qorti tqis li qorti Daniża jista' jkollha ġurisdizzjoni jekk ir-regoli Daniżi ta' ġurisdizzjoni tal-qrati fil-qasam tat-tħassir ta' dejn imorru kontra d-dritt tal-Unjoni.

## IV. Id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

13. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Østre Landsret (il-Qorti tal-Appell tar-Reġjun tal-Lvant) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tissottometti għall-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 45 TFUE, kif interpretat fis-sentenza [Radziejewski [8]], jipprekludi regola ta' ġurisdizzjoni tal-qrati li, bħal fil-każ ta' dik prevista fid-dritt Daniż, għandha l-għan li tiggarantixxi *li* l-qorti li tiddeċiedi dwar it-talba għal tħassir ta' dejn ikollha għarfien ta' u tkun ħadet inkunsiderazzjoni, fl-evalwazzjoni tagħha, is-sitwazzjoni soċjali u ekonomika li d-debitur u l-familja tiegħu jkunu qegħdin jgħixu fiha fil-prattika u li jistgħu jkunu għadhom qegħdin jgħixu fiha fil-futur, u *li* l-imsemmija evalwazzjoni tista' tiġi affettwata skont kriterji stabbiliti minn qabel li jiddeterminaw dak li jista' jitqies li huwa standard ta' għajxien modest aċċettabbli matul it-tul tal-miżura ta' tħassir?

Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għall-ewwel domanda fis-sens li r-restrizzjoni ma tistax titqies li hija ġġustifikata, qed issirilha d-domanda segwenti:

2) L-Artikolu 45 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa għandu wkoll, f'sitwazzjoni komparabbli ma' dik fil-kawża preżenti, effett dirett fir-relazzjonijiet bejn individwi b'tali mod li l-kredituri privati jkollhom jaċċettaw it-tnaqqis jew it-tmiem tad-djun dovuti lilhom minn debitur li jkun stabbilixxa ruħu barra mill-pajjiż?"

14. It-talba għal deċiżjoni preliminari waslet fir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-22 ta' Diċembru 2017.

15. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn A, mill-Gvern Daniż kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Dawn il-partijiet ipparteċipaw fis-seduta li nżammet fil-15 ta' Jannar 2019.

8 Sentenza tat-8 ta' Novembru 2012, (C-461/11, EU:C:2012:704, punt 32).

## V. Analiżi

16. Sabiex jinftiehmu tajjeb il-kwistjonijiet imqajma f'din il-kawża, għandhom qabelxejn, jiġu kkontestwalizzati l-problemi mqajma mid-domandi preliminari fil-kuntest tas-sistema tad-dritt internazzjonali privat tal-Unjoni. Għal dan il-għan, ser nippreżenta preliminarjament xi kummenti dwar il-proċedura Daniża għal tħassir ta' dejn. Imbagħad ser neżamina jekk din il-proċedura taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-istrumenti tad-dritt tal-Unjoni. Finalment, abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, ser inwettaq l-analiżi tad-domandi preliminari.

### A. Il-proċedura Daniża għal tħassir ta' dejn

17. Il-qorti tar-rinviju tispjega li proċedura Daniża għal tħassir ta' dejn tibda bil-preżentata ta' talba minn debitur quddiem qorti stralċjarja. Din il-qorti tiltaqa' mad-debitur u tiddetermina jekk jeżistux ċirkustanzi li jipprekludu l-introduzzjoni ta' tali proċedura. Huwa wkoll f'dan l-istadju li tiġi eżaminata l-ġurisdizzjoni tal-qrati Daniżi u li fih tinsab il-proċedura li tat lok għal dawn id-domandi preliminari.

18. Jekk il-qorti għandha ġurisdizzjoni u jekk f'dan l-istadju, ma jeżistux ċirkustanzi li jipprekludu l-introduzzjoni tal-proċedura għal tħassir ta' dejn, il-qorti stralċjarja tkompli l-imsemmija proċedura. Għal dan il-għan, din il-qorti taħtar assistent, li għandu jkun avukat, li għandu jeżamina fid-dettall is-sitwazzjoni ekonomika tad-debitur u jiżviluppa pjan għal tnaqqis ta' dejn. Dan il-pjan jinkludi deskrizzjoni ddettaljata tal-attiv u l-passiv tad-debitur, kif ukoll tas-sitwazzjoni ekonomika tal-familja, u jinkludi proposta għal tħassir ta' dejn.

19. Din il-proposta tintbagħat lill-kredituri li jintervjenu fil-proċedura minn dan il-mument biss. Jiġi stabbilit terminu sabiex isiru oġġezzjonijiet kontra din il-proposta. Il-qorti stralċjarja torganizza imbagħad laqgħa u tieħu deċiżjoni dwar it-talba għal tħassir.

20. Il-qorti stralċjarja tista' tagħti digriet ta' tħassir ta' dejn jekk, minn naħa, id-debitur juri li ma huwiex f'pożizzjoni li jħallas id-djun tiegħu u ma kellux il-possibbiltà li jagħmel dan matul diversi snin, u min-naħa l-oħra, jekk jiġi kkunsidrat li t-tħassir tad-djun tiegħu jista' jwassal għal titjieb fit-tul tas-sitwazzjoni ekonomika tiegħu. Ma jistax jingħata digriet ta' tħassir ta' dejn, b'mod partikolari, jekk is-sitwazzjoni ekonomika tad-debitur ma kinitx iċċarata. Il-qorti stralċjarja tista' wkoll tirrifjuta tħassir ta' dejn f'każ ta' ċirkustanzi oħra li jipprekluduh.

21. Mill-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet Daniżi magħmula mill-qorti tar-rinviju, jirriżulta li l-qorti stralċjarja għandha tkun tista' tevalwa s-sitwazzjoni soċjali u finanzjarja tal-passat, preżenti u tal-futur tad-debitur, sabiex tiddetermina jekk jissodisfax il-kundizzjonijiet għal tħassir ta' dejn, kif ukoll dik tal-konjuġi jew koabitant tiegħu u tat-tfal tiegħu. Għall-finijiet ta' din l-evalwazzjoni, u b'mod partikolari tal-verifika tal-informazzjoni ppreżentata mid-debitur, ħafna drabi hija neċessarja konoxxenza tal-kuntest lokali. Għalhekk, skont il-qorti tar-rinviju, huwa essenzjali li t-talbiet għal tħassir ta' dejn jiġu ttrattati mill-qorti tal-post tad-domiċilju jew tar-residenza tad-debitur.

### B. Osservazzjonijiet preliminari fuq l-applikabbiltà tal-istrumenti legali tad-dritt internazzjonali privat tal-Unjoni

22. Fl-ewwel lok, il-qorti tar-rinviju tindika li r-Renju tad-Danimarka ma japplikax ir-Regolament Nru 1346/2000 u targumenta li fid-dawl tas-sentenza Radziejewski[9], anki kieku dan ir-regolament kien applikabbli, il-proċedura Daniża għal tħassir ta' dejn ma taqax taħt l-imsemmi regolament. Barra minn hekk, din il-qorti tindika li bħall-proċedura Svediża għal tħassir ta' dejn imsemmija f'din is-sentenza, il-proċedura Daniża ma twassalx għat-tneħħija tal-assi tad-debitur.

9 Sentenza tat-8 ta' Novembru 2012, (C-461/11, EU:C:2012:704, punt 23).

23. Nirrileva li fis-sentenza Radziejewski[10], il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-proċedura Svediża għal tħassir ta' dejn ma hijiex inkluża fl-Anness A tar-Regolament Nru 1346/2000 u li dan ir-regolament japplika biss għall-proċeduri elenkati f'dan l-anness[11]. F'din il-linja ta' ideat, fis-sentenza Bank Handlowy u Adamiak[12], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-proċedura Franċiża ta' salvagwardja taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1346/2000 għar-raġuni li hija tinsab fost il-proċeduri elenkati fl-Anness A ta' dan ir-regolament. Madankollu, ċerti awturi esprimew dubji dwar kemm din il-proċedura tosserva l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 1(1) tal-imsemmi regolament[13]. Għalhekk, dawn l-awturi ddeduċew li billi jinkludu proċedura fl-Anness A tar-Regolament Nru 1346/2000, l-Istati Membri jistgħu jirrendu dan ir-regolament applikabbli għal proċeduri li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet li jiddeterminaw il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu[14].

24. Madankollu, f'din il-kawża, ma jidhirlix li huwa neċessarju li tiġi diskussa l-kwistjoni dwar jekk proċedura li ma tissodisfax il-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 1346/2000 tistax tiġi inkluża fl-Anness A ta' dan ir-regolament. Il-proċedura Daniża ma hijiex inkluża f'dan l-anness sempliċement għaliex ir-Renju tad-Danimarka ma japplikax ir-Regolament Nru 1346/2000.

25. Barra minn hekk, huwa minnu li kif jindikaw il-Gvern Daniż u l-Kummissjoni, ir-Regolament 2015/848, is-suċċessur tar-Regolament Nru 1346/2000, donnu jkopri proċeduri għal tħassir ta' dejn. Mill-Artikolu 1(1)(b) tar-Regolament 2015/484 jirriżulta li dan ir-regolament japplika għal proċeduri kollettivi pubbliċi li huma bbażati fuq leġiżlazzjonijiet relatati mal-insolvenza u li matulhom, għall-finijiet ta' aġġustament tad-dejn, l-attiv u n-negozju ta' debitur ikunu suġġetti għall-kontroll jew għas-sorveljanza ta' qorti, taħt il-kundizzjoni li kif jirriżulta mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 1(1) tal-imsemmi regolament, dawn il-proċeduri jkunu elenkati fl-Anness A ta' dan l-istess regolament[15]. Madankollu, għandu jiġi osservat li bħar-Regolament Nru 1346/2000, ir-Regolament 2015/848 ma jorbotx lir-Renju tad-Danimarka. Barra minn hekk, ir-Regolament 2015/848 japplika għall-proċeduri miftuħa wara s-26 ta' Ġunju 2017[16], filwaqt li t-talba li tat lok għall-proċedura fil-kawża prinċipali kienet introdotta fis-7 ta' Frar 2017.

26. Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju tindika li għall-kuntrarju tar-regolamenti dwar l-insolvenza, ir-Regolament Nru 44/2001 japplika għar-Renju tad-Danimarka skont il-"ftehim parallelu"[17].

27. Madankollu, skont il-qorti tar-rinviju, il-proċedura Daniża għal tħassir ta' dejn ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni la tar-Regolament Nru 44/2001 u lanqas tas-suċċessur tiegħu r-Regolament Nru 1215/2012. Skont l-Artikolu 1(2)(b) tagħhom, dawn iż-żewġ regolamenti ma japplikawx għal falliment, proċedimenti relatati mal-istralċ ta' kumpanniji insolventi jew ta' persuni ġuridiċi oħra, arranġamenti ġudizzjarji, ftehimiet u proċedimenti analogi.

28. F'dan ir-rigward, jiena naqbel mal-opinjoni tal-qorti tar-rinviju.

10 Sentenza tat-8 ta' Novembru 2012, (C-461/11, EU:C:2012:704).

11 Sentenza tat-8 ta' Novembru 2012, (C-461/11, EU:C:2012:704, punt 24).

12 Sentenza tat-22 ta' Novembru 2012, (C-116/11, EU:C:2012:739).

13 Ara b'mod partikolari, Robine, D., Jault-Seseke, F., "Le règlement 2015/848: vin nouveau et vieilles outres", Revue critique de droit international privé, 2016, p. 21, punt 18; Hess, B., Oberhammer, P., Bariatti, S., Koller, C., Laukemann, B., Requejo Isidro, M., Villata, F.C. (dirs.), The Implementation of the New Insolvency Regulation: Improving Cooperation and Mutual Trust, Nomos, 2018, p. 65.

14 Ara d-dottrina ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13. Ara wkoll Van Calster, G., COMIng, and Here to Stay: The Review of The European Insolvency Regulation, European business law review 2016, p. 739.

15 Ara wkoll il-premessa 10 tar-Regolament 2015/848 li tipprovdi li "[d]an (il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament 2015/848) għandu jestendi wkoll għal proċedimenti li jipprevedu rilaxx mid-dejn jew aġġustament tad-dejn fir-rigward ta' konsumaturi u persuni li jaħdmu għal rashom, pereżempju billi jitnaqqas l-ammont li jrid jitħallas mid-debitur jew billi jiġi estiż il-perjodu mogħti biex jitħallas id-debitur. Peress li tali proċedimenti ma jfissrux neċessarjament il-ħatra ta' prattikant fl-insolvenza, dawn għandhom ikunu koperti minn dan ir-Regolament jekk iseħħu taħt il-"kontroll" jew is-superviżjoni ta' qorti. F'dan il-kuntest, it-terminu 'kontroll' għandu jinkludi sitwazzjonijiet fejn il-qorti tintervjeni biss wara appell minn kreditur jew partijiet interessati oħrajn".

16 Ara l-Artikolu 84 tar-Regolament 2015/848.

17 Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/790/KE tal-20 ta' Settembru 2005 dwar l-iffirmar, f'isem il-Komunità, tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka disposdwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: 2006, L 172M, p. 127).

29. Minkejja li l-proċedura għal tħassir ta' dejn tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament 2015/848, u għalhekk tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament, fil-fehma tiegħi, din il-proċedura ma tistax taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1215/2012. Ir-Regolament Nru 1215/2012 u r-Regolament Nru 2015/848 huma komplementari u l-kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi tagħhom ma għandhomx jiġu sovrappost[18].

30. Il-fatt li r-Regolament 2015/848 ma huwiex applikabbli fid-Danimarka ma huwiex rilevanti[19]. Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1215/2012 ma jistax jiġi ddeterminat skont l-applikabbiltà jew le tar-Regolament 2015/848, fl-Istat ikkonċernat.

31. Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-punti 23 u 24 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-applikabbiltà tar-Regolament 2015/848 hija suġġetta għall-inklużjoni ta' proċedura fl-Anness A ta' dan ir-regolament[20]. Madankollu, huwa evidenti li proċedura li tissodisfa l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament 2015/848 ma tistax taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1215/2012 għar-raġuni sempliċi li hija ma tidhirx fl-Anness A tar-Regolament 2015/848[21].

32. Fil-qosor, il-proċedura Daniża għal tħassir ta' dejn imsemmija mid-deċiżjoni tar-rinviju ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti Nri 1346/2000, 44/2001 u 1215/2012. Konsegwentement, ir-regoli ta' dawn ir-regolamenti ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-analiżi tad-domandi preliminari magħmula f'din il-kawża. Għalhekk, fl-analiżi tiegħi tal-ewwel domanda preliminari, ser nindirizza l-kwistjoni dwar l-applikazzjoni tar-Regolament 2015/848 f'ċirkustanzi bħal dawk ta' dan il-każ, peress li l-Gvern Daniż donnu jibbaża fuq dan ir-regolament argument favur it-teżi li l-Artikolu 45 TFUE ma jipprekludix il-kundizzjoni ta' residenza prevista mil-leġiżlazzjoni Daniża.

## C. Fuq l-ewwel domanda preliminari

33. Permezz tal-ewwel domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar jekk il-kundizzjoni ta' residenza, kif prevista mil-leġiżlazzjoni Daniża, tistax titqies iġġustifikata minħabba l-fatt li hija tippermetti li jiġi żgurat li l-qorti adita bit-talba għal tħassir ta' dejn tkun tista' tiddeċiedi abbażi ta' informazzjoni dwar is-sitwazzjoni soċjali u pekunjarja tal-passat, preżent u tal-futur tad-debitur u tal-familja tiegħu.

34. Mill-banda l-oħra, il-qorti tar-rinviju ma titlobx lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar jekk il-kundizzjoni ta' residenza prevista mir-regoli Daniżi tikkostitwixxix restrizzjoni għall-moviment liberu tal-ħaddiema pprojbita, fil-prinċipju, mill-Artikolu 45 TFUE. Billi tirreferi għas-sentenza Radziejewski[22], il-qorti tar-rinviju bħall-partijiet kollha tikkunsidra li l-leġiżlazzjoni Daniża inkwistjoni tirrestrinġi l-moviment liberu tal-ħaddiema. Madankollu l-opinjonijiet tagħhom għal dak li jirrigwarda l-ġustifikazzjoni ta' din ir-restrizzjoni huma diverġenti.

18 Kif jirriżulta mill-premessa 7 tar-Regolament 2015/848, il-proċeduri esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1215/2012 skont l-Artikolu 1(2)(b) tiegħu għandhom ikunu koperti mir-Regolament 2015/848. F'dan is-sens, għal dak li jirrigwarda r-rabta bejn il-predeċessur tar-Regolament 2015/848 (ir-Regolament Nru 1346/2000) u r-Regolament Nru 44/2001, ara s-sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, Nickel & Goeldner Spedition (C-157/13, EU:C:2014:2145, punt 21). Il-Qorti tal-Ġustizzja segwiet l-istess raġunament f'kuntesti oħra. Ara, b'analoġija, is-sentenzi tas-6 ta' Ottubru 2015, Matoušková (C-404/14, EU:C:2015:653, punt 34) u tal-1 ta' Marzu 2018, Mahnkopf (C-558/16, EU:C:2018:138, punt 41).

19 Ara b'analoġija, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Mahnkopf (C-558/16, EU:C:2017:965, punt 73).

20 Ara t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament 2015/848. Ara wkoll il-premessa 9.

21 Ara l-aħħar sentenza tal-premessa 7 tar-Regolament 2015/848, li tipprovdi li s-sempliċi fatt li proċedura nazzjonali ma tidhirx fl-Anness A ta' dan ir-regolament ma jimplikax li din il-proċedura taqa' taħt ir-Regolament Nru 1215/2012.

22 Sentenza tat-8 ta' Novembru 2012, (C-461/11, EU:C:2012:704, punti 52 u 3).

35. Qabel nibda l-analiżi tal-mertu, ser nagħmel xi kummenti dwar l-eventwali ostakoli maħluqa mir-regoli ta' ġurisdizzjoni fid-dawl tas-sentenza Radziejewski[23]. Imbagħad meħuda inkunsiderazzjoni l-argumenti magħmula mill-qorti tar-rinviju u mill-Gvern Daniż, ser neżamina jekk, fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, il-kundizzjoni ta' residenza tistax titqies iġġustifikata.

### *1. Fuq l-eżistenza tar-restrizzjoni għall-moviment liberu*

36. Fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li dispożizzjoni nazzjonali li tipprovdi distinzjoni bbażata fuq il-kriterju tar-residenza tirriskja li toħloq prinċipalment preġudizzju għaċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra, u għalhekk tista' tikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq in-nazzjonalità, kuntrarja għal moviment liberu tal-ħaddiema[24].

37. Issa, din il-kawża tirrigwarda regoli nazzjonali dwar il-ġurisdizzjoni internazzjonali. Dawn ir-regoli, min-natura tagħhom, jeħtieġu kriterji ta' konnessjoni li abbażi tagħhom l-awtoritajiet ta' Stat jiġu meqjusa li għandhom ġurisdizzjoni sabiex jieħdu konjizzjoni ta' kategorija ta' kawżi. Barra minn hekk, b'mod partikolari fl-interess ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, dawn ir-regoli huma bbażati prinċipalment fuq il-premessa li għandha teżisti rabta bejn il-kawża inkwistjoni u l-Istat li l-qrati tiegħu għandhom ġurisdizzjoni sabiex jieħdu konjizzjoni ta' din il-kawża[25]. Għalhekk ma huwiex sorprendenti li fir-rigward tal-kriterju ta' konnessjoni, ħafna drabi ssir referenza għall-post ta' residenza.

38. L-approċċ li jipprovdi li l-introduzzjoni, f'regola ta' ġurisdizzjoni, ta' kriterju ta' konnessjoni relattiv għal post ta' residenza tikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq in-nazzjonalità jista' jwassal sabiex jiġi kkunsidrat li r-regoli ta' ġurisdizzjoni kollha li huma bbażati fuq l-eżistenza ta' rabta bejn id-domiċilju jew ir-residenza u l-Istat ikkonċernat huma, min-natura tagħhom, diskriminatorji u għalhekk fil-prinċipju kuntrarji għal libertajiet stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni.

39. Madankollu, jidhirli li tali riżultat huwa paradossali sa fejn it-tqassim tal-kompetenzi, għadu sallum imwettaq permezz ta' regoli ta' ġurisdizzjoni, li jużaw kriterji ta' konnessjoni.

40. Ma għandniex ninsew il-fatt li din il-kawża tirrigwarda regola ta' ġurisdizzjoni speċifika, relattiva għall-proċedura għal tħassir ta' dejn. Dawn il-proċeduri ma humiex, tal-inqas fil-kuntest *ratione temporis* ta' din il-kawża, l-oġġett ta' regoli ta' ġurisdizzjoni armonizzati. Barra minn hekk, l-Istati Membri ma humiex marbuta jintroduċu proċedura għal tħassir ta' dejn fid-drittijiet nazzjonali tagħhom.

41. Bħala regola ġenerali, ir-regoli ta' ġurisdizzjoni ma jagħtux, tal-inqas direttament, drittijiet sostantivi. L-irwol tagħhom huwa limitat għall-*għażla* tal-awtoritajiet li huma kompetenti sabiex jiddeċiedu dwar l-għoti ta' dan id-dritt jew le.

42. Madankollu, fil-każ ta' proċedura speċifika, bħall-proċedura għal tħassir ta' dejn, l-Istati Membri huma liberi li jintroduċuha jew le fid-dritt nazzjonali tagħhom. Konsegwentement, ir-rwol ta' regola ta' ġurisdizzjoni ma hijiex limitata esklużivament għat-*tqassim* tal-kompetenzi bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri kollha. Fir-rigward ta' tali proċedura, il-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istati Membri tista' tirriżulta f'aċċess għat-tħassir ta' dejn, u għalhekk, f'deċiżjoni dwar it-tħassir ta' dejn li, fit-territorju ta' Stat Membru kkonċernat, tingħata kontra l-kredituri ta' debitur.

23 Sentenza tat-8 ta' Novembru 2012, (C-461/11, EU:C:2012:704).

24 Ara b'mod partikolari, is-sentenza tas-7 ta' Mejju 1998, Clean Car Autoservice (C-350/96, EU:C:1998:205, punti 29 u 30).

25 Bħala eżempju, ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża KP (C-83/17, EU:C:2018:46, punt 56).

43. Konsegwentement, ma huwiex eskluż li regola ta' ġurisdizzjoni nazzjonali li permezz tagħha leġiżlatur jiddetermina fil-prattika min jista' jibbenefika minn ċerta proċedura tista' tipprekludi jew tiddiswadi ħaddiem ċittadin ta' Stat Membru milli jitlaq l-Istat ta' oriġini tiegħu sabiex jeżerċita d-dritt tiegħu ta' moviment liberu previst mid-dritt primarju.

44. Dan huwa r-raġunament segwit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Radziejewski [26], li fiha ddeċidiet li leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta l-għoti ta' miżura ta' tħassir ta' dejn għal kundizzjoni ta' residenza, tista' tiddiswadi lil ħaddiem insolventi, u li d-dejn tiegħu huwa tali li ma huwiex prevedibbli li jkun jista' jirrimborsa d-djun tiegħu fil-futur qarib, milli jeżerċita d-dritt ta' moviment liberu tiegħu.

45. Għalhekk, għall-istess raġunijiet, nikkunsidra li l-kundizzjoni ta' residenza, introdotta fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni Daniża, tikkostitwixxi restrizzjoni għall-moviment liberu tal-ħaddiema. Issa għandha tingħata risposta għall-kwistjoni dwar jekk din ir-restrizzjoni tistax titqies iġġustifikata.

### *2. Fuq il-ġustifikazzjoni*

46. Il-qorti tar-rinviju tqis li l-kundizzjoni ta' residenza, prevista mir-regoli Daniżi fil-qasam ta' ġurisdizzjoni, għandha titqies iġġustifikata. Dwar dan il-punt, il-partijiet għandhom opinjonijiet diverġenti. Il-Gvern Daniż jaqbel mal-pożizzjoni tal-qorti tar-rinviju, filwaqt li A u l-Kummissjoni huma tal-opinjoni li, fid-dawl tal-Artikolu 45 TFUE, din il-kundizzjoni ma tistax titqies iġġustifikata.

47. Sabiex jiġi ddeterminat jekk miżura, li ġiet ikkonstatata li tirrestrinġi l-moviment liberu tal-ħaddiema, tistax titqies iġġustifikata, għandu jiġi vverifikat jekk din il-miżura, l-ewwel nett, għandhiex għan leġittimu kompatibbli mat-Trattat u hijiex iġġustifikata minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, it-tieni nett, tiżgurax it-twettiq tal-għan inkwistjoni, u t-tielet nett, teċċedix dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan [27]. Qabelxejn ser neżamina l-ewwel kundizzjoni relattiva għall-eżistenza ta' għan leġittimu, u imbagħad it-tieni u t-tielet kundizzjonijiet, li jirrigwardaw, rispettivament, in-natura xierqa u neċessarja tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni.

### *a) Motiv ta' ġustifikazzjoni invokat*

48. Mill-formulazzjoni tal-ewwel domanda preliminari kif ukoll mill-kontenut tad-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li r-rekwiżit li l-forum ġenerali tad-debitur għandu jkun fid-Danimarka għandu l-għan li t-talba għal tħassir ta' dejn tkun tista' tkun l-oġġett ta' deċiżjoni suffiċjentement ċara, ibbażata fuq informazzjoni li tippermetti, l-ewwel nett, l-evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-ħajja tad-debitur fuq il-livell soċjali u finanzjarju sabiex jiġi ddeterminat jekk id-dejn tiegħu huwiex dovut għal nuqqas ta' kapaċità jew volontà, it-tieni nett, li jiġi żgurat titjieb fit-tul tas-sitwazzjoni tad-debitur, u t-tielet nett, li tara li d-debitur ikollu ħajja adegwata – modesta iżda suffiċjenti – matul il-perijodu sussegwenti, li matulu d-dejn jitħallas b'mod skalat.

49. L-għan tal-kundizzjoni ta' residenza, kif spjegat mill-qorti tar-rinviju, irid jiżgura wkoll li ċ-ċirkustanzi relattivi għas-sitwazzjoni soċjali u finanzjarja tad-debitur u tal-familjari tiegħu, kif ukoll il-kundizzjonijiet tal-ħajja fil-post li fih jilħqu l-bżonnijiet tagħhom, jittieħdu inkunsiderazzjoni waqt l-eżami tat-talba għal tħassir ta' dejn.

26 Sentenza tat-8 ta' Novembru 2012, (C-461/11, EU:C:2012:704, punti 30 u 31).

27 Sentenza tat-8 ta' Novembru 2012, (C-461/11, EU:C:2012:704, punt 33). Ara wkoll is-sentenzi tas-16 ta' Marzu 2010, Olympique Lyonnais (C-325/08, EU:C:2010:143, punt 38), u tal-5 ta' Diċembru 2013, Zentralbetriebsrat der gemeinnützigen Salzburger Landeskliniken (C-514/12, EU:C:2013:799, punt 36).

50. Fis-sentenza Radziejewski, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat b'mod partikolari, fit-tweġiba għall-argument tal-Gvern Svediż li l-kundizzjoni ta' residenza kienet neċessarja sabiex tiġi stabbilita, b'mod sodisfaċenti, is-sitwazzjoni finanzjarja u personali tad-debitur, li huwa leġittimu li Stat Membru jkun irid jikkontrolla s-sitwazzjoni finanzjarja u personali tad-debitur qabel ma jagħtih miżura intiża sabiex jitħassru totalment jew parzjalment id-djun tiegħu [28].

51. Jidhirli li l-għan tal-kundizzjoni ta' residenza prevista mil-leġiżlazzjoni Daniża ma huwiex differenti minn dak tal-kundizzjoni ta' residenza prevista fis-sentenza Radziejewski [29].

52. Skont il-qorti tar-rinviju u l-Gvern Daniż, f'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet eżaminat il-kundizzjoni ta' residenza fid-dawl tan-neċessità li tiġi kkontrollata s-sitwazzjoni personali u finanzjarja tad-debitur. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ma ddeċidietx dwar jekk il-fatt li l-aċċess għall-proċedura għal tħassir ta' dejn huwa rriżervat għal persuni li jirresjedu, jew tal-inqas, li għandhom id-domiċilju tagħhom fl-Istat li fih issir it-talba, jistax jiġi ġġustifikat mill-għan li jiżgura li l-qorti adita b'tali talba jkollha konoxxenza tas-sitwazzjoni soċjali u finanzjarja konkreta tad-debitur u tista' teħodha inkunsiderazzjoni waqt l-evalwazzjoni tagħha.

53. Barra minn hekk, il-Gvern Daniż iqis li l-leġiżlazzjoni Svediża msemmija fil-kawża li tat lok għas-sentenza Radziejewski [30] timplika wkoll kontroll tad-debitur *a posteriori*, li jippermetti lill-awtoritajiet Svediżi jsegwu l-isforzi meħuda mid-debitur sabiex jissodisfa l-obbligi tiegħu. Dan il-gvern jargumenta li konsegwentement, il-kundizzjoni ta' residenza ma tistax tiżgura li jintlaħaq l-għan imfittex, għaliex id-debitur jista' sempliċement iċaqlaq ir-residenza tiegħu lejn Stat Membru qabel il-preżentazzjoni tat-talba tiegħu għal tħassir ta' dejn. Mill-banda l-oħra, fil-kuntest tal-proċedura Daniża għal tħassir ta' dejn, il-qrati ma jwettqux kontroll tad-debitur *a posteriori*.

54. Il-qorti tar-rinviju u l-Gvern Daniż donnhom jargumentaw li l-leġiżlazzjoni Daniża tfittex li tiżgura livell ta' konoxxenza tas-sitwazzjoni tad-debitur ogħla minn dak meħtieġ skont il-leġiżlazzjoni Svediża msemmija fil-kawża Radziejewski [31].

55. Madankollu, f'dawn iż-żewġ każijiet, l-għan tal-kundizzjoni ta' residenza jibqa' l-istess. Fil-fehma tiegħi, id-differenzi dwar il-livell ta' konoxxenza tas-sitwazzjoni ta' debitur jistgħu jkunu riflessi fl-eżami tan-neċessità tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni.

56. Barra minn hekk, jidhirli li l-argument magħmul mill-Gvern Daniż, li l-leġiżlazzjoni Daniża ma tipprovdix kontroll *a posteriori*, ma hijiex koerenti ma' wħud mill-argumenti l-oħra tiegħu. Fil-fatt, fl-osservazzjonijiet tiegħu dan il-Gvern jargumenta li digriet ta' tħassir ta' dejn mogħti favur debitur li telaq barra mill-pajjiż, jista' f'ċerti ċirkustanzi, jiġi annullat.

57. Il-qorti tar-rinviju tirreferi għal tali eventwalità b'mod iktar ċar billi tindika li digriet ta' tħassir ta' dejn jista' jiġi annullat meta d-debitur ikun aġixxa b'mod frawdolenti matul il-proċedura għal tħassir ta' dejn jew naqas milli jwettaq obbligi li kienu imposti fuqu mid-digriet ta' tħassir ta' dejn. Fi kwalunkwe każ, kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju u mill-osservazzjonijiet tal-Gvern Daniż, l-annullament ta' digriet ta' tħassir ta' dejn ma jseħħx awtomatikament.

28 Sentenza tat-8 ta' Novembru 2012, Radziejewski (C-461/11, EU:C:2012:704, punt 44). Fil-konklużjonijiet tiegħu ppreżentati f'dik il-kawża, l-Avukat Ġenerali Sharpston, wara li spjega l-pożizzjoni tal-Gvern Svediż, indika li: "[d]eċiżjoni rigward ħelsien mid-dejn għandha kjarament tkun ibbażata fuq evalwazzjoni xierqa u ddettaljata tal-pożizzjoni personali u finanzjarja attwali tad-debitur". L-Avukat Ġenerali Sharpston indika wkoll li aċċetta li "l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru għandha titqiegħed fil-pożizzjoni li tiġbor, teżamina u tivverifika informazzjoni neċessarja sabiex din tkun tista' tadotta deċiżjoni informata dwar jekk id-debitur huwiex eliġibbli għall-ħelsien mid-dejn. Dan huwa konsistenti b'mod sħiħ mal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba. Għaldaqstant, miżuri adottati għal din ir-raġuni għandhom għan leġittimu". Ara l-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Radziejewski (C-461/11, EU:C:2012:570, punt 59).

29 Sentenza tat-8 ta' Novembru 2012, (C-461/11, EU:C:2012:704).

30 Sentenza tat-8 ta' Novembru 2012, (C-461/11, EU:C:2012:704).

31 Sentenza tat-8 ta' Novembru 2012, (C-461/11, EU:C:2012:704).

58. L-eżami tal-aġir ta' debitur qabel l-adozzjoni ta' tali digriet, li permezz tiegħu l-awtoritajiet Daniżi jfittxu li jkunu jafu jekk id-debitur jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan id-digriet jikkostitwixxi, fil-fehma tiegħi, forma ta' kontroll *a posteriori*. Għalhekk, ma iniex konvint mill-argument tal-Gvern Daniż li din il-kawża hija differenti minn dik li tat lok għas-sentenza Radziejewski [32] peress li l-awtoritajiet Daniżi ma jwettqux kontroll *a posteriori*.

59. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti u kkunsidrata l-analoġija bejn l-għan tal-leġiżlazzjoni Svediża msemmija fis-sentenza Radziejewski [33] u dak tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni f'din il-kawża, jiena nqis li l-kundizzjoni ta' residenza prevista mil-leġiżlazzjoni Daniża għandha għan leġittimu, jiġifieri li t-talba għal tħassir ta' dejn tkun l-oġġett ta' deċiżjoni ċara u bbażata fuq informazzjoni li tippermetti li tiġi stabbilita s-sitwazzjoni soċjali u finanzjarja tal-passat, preżent u tal-futur ta' debitur u tal-familjari tiegħu, kif ukoll il-kundizzjonijiet tal-ħajja fil-post li fih jilħqu l-bżonnijiet tagħhom.

### *b) In-natura xierqa u n-neċessità tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni*

60. Il-kunsiderazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju u tal-Gvern Daniż, li permezz tagħhom huma jippruvaw jiġġustifikaw ir-restrizzjoni inkwistjoni, huma bbażati fuq l-idea li l-viċinanza ġeografika bejn il-post ta' residenza ta' debitur u dik tal-forum ta' qorti adita bit-talba għal tħassir ta' dejn tippermetti li tiżgura li ċ-ċirkustanzi relattivi għas-sitwazzjoni soċjali u finanzjarja ta' dan id-debitur u tal-familjari tiegħu, kif ukoll il-kundizzjonijiet tal-ħajja fil-post li fih jilħqu l-bżonnijiet tagħhom, jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-eżami ta' din it-talba.

61. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju u l-Gvern Daniż isostnu li qorti li tieħu konjizzjoni ta' talbiet għal tħassir ta' dejn ma għandhiex, u ma jistax ikollha, konoxxenza taċ-ċirkustanzi li fihom tgħix il-persuna li tagħmel it-talba fi Stat Membru ieħor. Ma jeżistux regoli li jirrikjedu li Stati Membri oħra jipprovdu informazzjoni dwar iċ-ċirkustanzi lokali fir-rigward ta' riżorsi u ta' spejjeż jew dwar fatturi oħra importanti sabiex tiġi evalwata talba għal tħassir ta' dejn. Barra minn hekk, tali qorti ma tkunx f'pożizzjoni tivverifika l-informazzjoni pprovduta mid-debitur stess.

62. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tindika li fl-assenza ta' regoli armonizzati, ma jeżistix mezz inqas restrittiv sabiex jintlaħaq dan ir-riżultat minn dak li jikkonsisti fir-restrizzjoni tal-aċċess għall-proċedura għal tħassir ta' dejn għad-debituri li jirresjedu fid-Danimarka. Mill-banda l-oħra, skont il-Gvern Daniż, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 45 TFUE li tipprovdi li din id-dispożizzjoni tipprekludi regola ta' ġurisdizzjoni, bħar-regola Daniża, tostakola l-implimentazzjoni effettiva tar-Regolament 2015/848.

63. Bħal A u l-Kummissjoni, jiena nikkunsidra li l-applikazzjoni tal-kundizzjoni ta' residenza fir-rigward tal-ħaddiema tippreżenta, tal-inqas f'żewġ aspetti, nuqqas ta' loġika u nuqqas ta' koerenza. L-argumenti tal-Gvern Daniż u tal-qorti tar-rinviju dwar l-eżistenza ta' dispożizzjonijiet armonizzati u l-assenza tagħhom, rispettivament, ma jistgħux jirrimedjaw għal dawn il-problemi.

64. L-ewwel problema tirrigwarda l-fatt li l-kundizzjoni ta' residenza donnha tapplika biss fir-rigward ta' ħaddiema li jeżerċitaw l-attività professjonali tagħhom fid-Danimarka u mhux għal persuni li jeżerċitaw attività ekonomika għal rashom fid-Danimarka. Issa, fil-każ ta' dawn tal-aħħar, il-fatt li ma jirrisjedux fit-territorju Daniż ma jikkostitwixxix ostakolu għall-preżentazzjoni ta' talba għal tħassir ta' dejn quddiem il-qrati ta' dan l-Istat Membru.

65. It-tieni problema tirrigwarda l-fatt li kif jirriżulta mit-talba għal deċiżjoni preliminari u mill-osservazzjonijiet bil-miktub tar-rikorrent, skont il-leġiżlazzjoni Daniża, l-eżistenza tal-kundizzjoni ta' residenza tista' tiġi evalwata biss fil-mument tal-preżentazzjoni tat-talba għal tħassir ta' dejn.

32 Sentenza tat-8 ta' Novembru 2012, (C-461/11, EU:C:2012:704).

33 Sentenza tat-8 ta' Novembru 2012, (C-461/11, EU:C:2012:704).

*1) Il-koerenza tal-applikazzjoni tal-kundizzjoni ta' residenza u l-implikazzjonijiet tagħha fuq ir-risposta għad-domanda preliminari*

66. Il-kundizzjoni ta' residenza hija bbażata fuq l-idea li, grazzi għall-viċinanza ġeografika bejn il-post ta' residenza ta' debitur u dak tal-forum tal-qorti adita, din tal-aħħar tista' tiddeċiedi fuq talba għal tħassir ta' dejn abbażi ta' informazzjoni dwar is-sitwazzjoni soċjali u ekonomika ta' dan id-debitur. Waqt l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni soċjoekonomika tiegħu mill-qorti stralċjarja, l-istess importanza għanda tingħata, fil-prinċipju, lil din il-kundizzjoni, kemm fir-rigward ta' ħaddiem li jaħdem għal rasu kif ukoll fir-rigward ta' ħaddiem impjegat. F'dawn iż-żewġ każijiet, il-miżuri li jippermettu li tinkiseb informazzjoni minn Stat Membru ieħor, kif ukoll dawk li jippermettu l-verifika tal-informazzjoni pprovduta mid-debitur huma kważi identiċi.

67. Madankollu, jidhirli li skont il-leġiżlazzjoni Daniża, il-kundizzjoni ta' residenza ma tapplikax b'mod koerenti. Fil-fatt, filwaqt li persuna li teżerċita attività ekonomika għal rasha fit-territorju Daniż tista' tippreżenta talba għal tħassir ta' dejn quddiem il-qorti Daniża tal-post li fih teżerċita din l-attività, minkejja li ma tirrisjedix fid-Danimarka, ħaddiem impjegat li ma għandux ir-residenza tiegħu fit-territorju Daniż ma jistax jippreżenta tali talba quddiem il-qrati ta' dan l-Istat Membru.

68. Għal dak li jirrigwarda din il-kawża, huwa stabbilit li l-persuna li ressqet it-talba fil-kawża prinċipali taħdem fid-Danimarka, fejn hija suġġetta b'mod illimitat għat-taxxa. Għalhekk, kif jammetti l-Gvern Daniż, is-sitwazzjoni soċjali u ekonomika ta' din il-persuna li tressaq it-talba tista' tiġi ddeterminata, tal-inqas parzjalment, mingħajr ma tittieħed inkunsiderazzjoni informazzjoni provenjenti minn Stat Membru ieħor [34].

69. Madankollu, skont il-leġiżlazzjoni Daniża, il-persuna li tressaq it-talba ma għandha l-ebda possibbiltà li tinvoka ċ-ċirkustanzi msemmija fil-punt preċedenti sabiex tadixxi qorti Daniża, anki jekk din turi l-eżistenza ta' rabta mad-Danimarka. Għalhekk, jekk tali rabta hija suffiċjenti sabiex tippermetti lill-qrati Daniżi jiddeċiedu dwar talba għal tħassir ta' dejn ippreżentata minn persuna li teżerċita attività ekonomika għal rasha fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, din ir-rabta għandha tkun suffiċjenti wkoll sabiex tippermetti li tiġi deċiża dik ippreżentata minn ħaddiem impjegat.

70. Dan iktar u iktar peress li kif juru l-eżempji ppreżentati minn A fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha [35], il-leġiżlazzjoni Daniża ma tipprekludix il-qrati nazzjonali milli jiddeċiedu dwar talbiet għal tħassir ta' dejn anki jekk dawn għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni informazzjoni provenjenti minn Stat Membru ieħor.

71. Konsegwentement, din l-applikazzjoni inkoerenti tal-kundizzjoni ta' residenza skont il-leġiżlazzjoni Daniża turi li ma hijiex neċessarja residenza fit-territorju tad-Danimarka sabiex il-qrati ta' dan l-Istat Membru jkunu jistgħu jiddeċiedu dwar talbiet għal tħassir ta' dejn. Dan huwa indizju tal-fatt li kundizzjoni ta' residenza, bħal dik prevista mil-leġiżlazzjoni Daniża, teċċedi dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imsemmi iktar 'il fuq fil-punt 59 ta' dawn il-konklużjonijiet.

34 F'dan ir-rigward, dawn iċ-ċirkustanzi jirriflettu parzjalment dawk tal-kawża li tat lok għas-sentenza Radziejewski. F'dik il-kawża, il-persuna li timpjega lill-persuna li ressqet it-talba kienet Svediża u l-persuna li ressqet it-talba kienet "persuna suġġetta b'mod illimitat" għat-taxxa fl-Isvezja, li kien enfasizzat mill-Qorti tal-Ġustizzja meta kkunsidrat li l-kundizzjoni ta' residenza teċċedi dak li huwa neċessarju sabiex tiġi stabbilita, b'mod sodisfaċenti, is-sitwazzjoni finanzjarja u personali tad-debitur. Ara s-sentenza tat-8 ta' Novembru 2012, Radziejewski (C-461/11, EU:C:2012:704, punt 48).

35 A jagħti l-eżempju ta' persuna li tressaq it-talba li tirrisjedi fid-Danimarka iżda taħdem fi Stat Membru ieħor, każ fejn qorti Daniża għandha tittratta t-talba għal tħassir ta' dejn abbażi ta' informazzjoni provenjenti minn dan l-Istat Membru ieħor li tirrigwarda, b'mod partikolari, l-istat tal-ispejjeż u tas-sitwazzjoni fiskali tal-persuna li tressaq it-talba. Fl-istess linja ta' ideat, A tirreferi għas-sitwazzjoni ta' persuna li tressaq it-talba li ħadmet f'pajjiż barrani.

*2) L-implikazzjonijiet tal-prinċipju tal-perpetuatio fori fuq il-ġustifikazzjoni tal-kundizzjoni ta' residenza*

72. Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, A jindika li skont id-dottrina u l-ġurisprudenza Daniża, talba li tagħti lok għall-proċedura għal tħassir ta' dejn għandha tiġi ppreżentata quddiem il-qorti li għandha ġurisdizzjoni *ratione locis* skont id-domiċilju fid-data ta' din it-talba. Mill-banda l-oħra, l-evalwazzjonijiet magħmula fil-kuntest tal-proċedura għal tħassir ta' dejn jirrigwardaw is-sitwazzjoni tal-persuna li tressaq it-talba fil-mument tat-teħid ta' deċiżjoni dwar din it-talba.

73. Jidhirli li f'dan ir-rigward il-qorti tar-rinviju ssostni l-istess interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet Daniżi. Fil-fatt, fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha hija tindika li qorti Daniża għandha tevalwa l-eżistenza tal-ġurisdizzjoni tagħha fl-istadju tal-preżentazzjoni ta' talba għal tħassir ta' dejn.

74. Fil-fatt, skont ir-regola msejħa tal-"prinċipju tal-*perpetuatio fori*", ladarba tiġi adita qorti li għandha ġurisdizzjoni, fil-prinċipju hija tibqa' kompetenti anki jekk il-fattur ta' konnessjoni li abbażi tiegħu ġiet stabbilita l-ġurisdizzjoni tagħha jinbidel matul il-proċedura ġudizzjarja [36].

75. Għalhekk, il-konoxxenza ta' informazzjoni dwar is-sitwazzjoni ta' debitur u tal-kundizzjonijiet tal-ħajja fil-post ta' residenza tiegħu ma tistax tiġi żgurata bil-kundizzjoni ta' residenza peress li skont il-prinċipju tal-*perpetuatio fori,* tibdil fil-fattur ta' konnessjoni wara l-preżentazzjoni tat-talba għal tħassir ta' dejn, jiġifieri t-trasferiment tar-residenza tiegħu lejn Stat Membru, ma jipprekludix li qorti Daniża tiddeċiedi dwar din it-talba.

76. Konsegwentement, peress li l-konnessjoni mat-territorju Daniż hija evalwata biss fil-mument tal-preżentazzjoni ta' talba għal tħassir ta' dejn, filwaqt li qorti stralċjarja għandha tieħu inkunsiderazzjoni, fl-eżami ta' din it-talba, ċirkustanzi preċedenti u sussegwenti għal dan il-mument, il-kundizzjoni ta' residenza, kif prevista mil-leġiżlazzjoni Daniża, teċċedi dak li huwa neċessarju sabiex jiġi żgurat l-għan ta' din il-kundizzjoni. Dan ir-raġunament huwa dak segwit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Radziejewski [37] li l-istabbiliment ta' kundizzjoni ta' residenza relatata esklużivament mad-data tal-preżentazzjoni tat-talba teċċedi dak li huwa neċessarju għall-finijiet tal-kontroll tas-sitwazzjoni tal-persuna li tressaq it-talba u tal-konoxxenza tas-sitwazzjoni fil-post fejn hija tirresjedi.

77. Din il-kunsiderazzjoni ma tistax tiġi kkontestata la mill-argumenti tal-Gvern Daniż dwar l-eżistenza ta' regoli ta' ġurisdizzjoni armonizzati u lanqas minn dawk tal-qorti tar-rinviju dwar l-assenza tagħhom.

*3) L-armonizzazzjoni tar-regoli ta' ġurisdizzjoni dwar proċeduri għal tħassir ta' dejn*

78. Skont il-qorti tar-rinviju, minħabba l-assenza ta' armonizzazzjoni tar-regoli fil-qasam ta' tħassir ta' dejn, ma jeżistux mezzi inqas restrittivi sabiex jintlaħaq dan ir-riżultat minn dawk li jikkonsistu fir-restrizzjoni tal-aċċess għall-proċedura għal tħassir ta' dejn għad-debituri residenti fid-Danimarka.

79. Mill-banda l-oħra, il-Gvern Daniż jenfasizza li jeżistu regoli ta' armonizzazzjoni fir-rigward tal-ġurisdizzjoni internazzjonali fil-kawża ta' aġġustament ta' djun. Skont dan il-gvern, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 45 TFUE li tipprovdi li din id-dispożizzjoni tipprekludi regola ta' ġurisdizzjoni bħar-regola Daniża, tipprekludi l-implimentazzjoni effettiva tar-Regolament 2015/848. Skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament 2015/848, fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, il-qrati Svediżi għandhom ġurisdizzjoni sabiex jieħdu konjizzjoni tas-sitwazzjoni tad-debitur li jirresjedi u jgħix fl-Isvezja. Fil-fatt, ir-regola ta' ġurisdizzjoni Daniża ma hijiex materjalment differenti mir-regola ta' ġurisdizzjoni internazzjonali ta' dan ir-regolament.

36 Ara l-pożizzjoni tiegħi meħuda fil-kawża C (C-376/14 PPU, EU:C:2014:2275, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 37).

37 Sentenza tat-8 ta' Novembru 2012, (C-461/11, EU:C:2012:704, punt 47).

80. Dawn l-argumenti ma jistgħux jintlaqgħu.

81. Kif indikajt fil-punt 25 ta' dawn il-konklużjonijiet, ir-Regolament 2015/848 ma huwiex intiż sabiex japplika *ratione temporis* għall-kawża prinċipali. Madankollu, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li r-regoli Daniżi li jipprovdu l-kundizzjoni ta' residenza baqgħu japplikaw f'dan l-Istat Membru, filwaqt li Stati Membri oħra bdew japplikaw ir-regoli tar-Regolament 2015/848 sa mis-26 ta' Ġunju 2017.

82. Skont ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament 2015/848, iċ-ċentru tal-interessi prinċipali ta' persuna fiżika, minbarra dik li teżerċita professjoni liberali jew kull attività oħra għal rasha, għandu jkun preżunt li hu l-post tar-residenza abitwali tal-individwu fin-nuqqas ta' prova kuntrarja. Issa, irrispettivament mill-fatt li l-kunċett ta' "residenza abitwali" fis-sens tar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament 2015/848 ma għandux jikkorrispondi neċessarjament għall-kunċett ta' "residenza" fis-sens tal-leġiżlazzjoni Daniża, din id-dispożizzjoni tar-Regolament 2015/848 ma tirrinvijax, awtomatikament, lid-debitur quddiem il-qrati tal-post ta' residenza tiegħu. Fil-fatt, din hija biss preżunzjoni li tista' tiġi kkonfutata.

83. Għalhekk, minn naħa, is-soluzzjoni prevista mir-Regolament 2015/848 tikkostitwixxi, skont it-termini użati mill-qorti tar-rinviju, manifestazzjoni ta' "mezz inqas restrittiv" li jippermetti li jintlaħaq l-għan tal-kundizzjoni ta' residenza, kif iddefinit minn din il-qorti u l-Gvern Daniż.

84. Min-naħa l-oħra, leġiżlazzjoni li tipprovdi l-kundizzjoni ta' residenza, bħal-leġiżlazzjoni Daniża inkwistjoni, tista' taffettwa l-funzjonament tar-Regolament 2015/848 fl-Istati Membri marbuta bih jekk jiġi pprovat li, jekk ikun il-każ, il-preżunzjoni prevista fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 3(1) ta' dan ir-regolament għandha tiġi rriversjata, pereżempju, għall-benefiċċju tal-post ta' eżekuzzjoni tal-provvista ta' xogħol. F'tali każ, il-leġiżlazzjoni Daniża tinjora l-konfutazzjoni tal-imsemmija preżunzjoni [38].

85. Sabiex niġbor fil-qosor din il-parti tal-analiżi tiegħi dwar l-armonizzazzjoni tar-regoli ta' ġurisdizzjoni, fl-ewwel lok, niddikjara li ma naqbilx mal-pożizzjoni tal-qorti tar-rinviju li ma jeżistux mezzi inqas restrittivi sabiex jintlaħaq l-għan stabbilit mill-kundizzjoni ta' residenza. Fit-tieni lok, għall-kuntrarju ta' dak li jsostni l-Gvern Daniż, l-eżistenza ta' regoli ta' ġurisdizzjoni previsti mir-Regolament 2015/848 ma tippermettix li nimmilita favur il-konformità tal-leġiżlazzjoni Daniża mad-dritt tal-Unjoni.

*4) Konklużjonijiet finali*

86. Sabiex niġbor fil-qosor ir-raġunamenti li jiena esponejt sa issa, nosserva li l-kundizzjoni ta' residenza prevista mil-leġiżlazzjoni Daniża donnha ma tapplikax b'mod koerenti, u li dan jista' jikkostitwixxi indizju tal-fatt li din il-kundizzjoni teċċedi dak li huwa neċessarju għall-finijiet tal-kontroll tas-sitwazzjoni tal-persuna li tressaq it-talba u tal-konoxxenza tas-sitwazzjoni fil-post fejn hija tirresjedi. Din il-kunsiderazzjoni hija kkonfermata mill-fatt li l-kundizzjoni ta' residenza tirrigwarda esklużivament id-data tal-preżentazzjoni tat-talba. Finalment, dawn il-kunsiderazzjonijiet ma humiex ikkontestati mill-argumenti dwar ir-Regolament 2015/848.

38 Fil-fatt, tali sitwazzjoni tista' twassal għal imblokk, jekk il-kunċett ta' "Stat Membru" fis-sens tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament 2015/848 ma jistax jinftiehem bħala li jinkludi l-Istati Membri kollha li għalihom japplika dan ir-regolament. F'dan il-każ, l-imsemmi impjegat ma jkunx jista' jippreżenta talba għall-ftuħ ta' proċedura għal tħassir ta' dejn la quddiem il-qrati Daniżi u lanqas quddiem dawk ta' Stat Membru ieħor. F'dan ir-rigward, nosserva li bid-differenza b'mod partikolari għar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) (ĠU 2008, L 177, p. 6), ir-Regolament 2015/848 ma jipprovdix dispożizzjoni li tipprovdi li "Stat Membru" ifisser l-Istati Membri kollha li għalihom japplika dan ir-regolament. Madankollu, jidhirli li tali interpretazzjoni tal-kunċett ta' "Stat Membru" kienet issuġġerita minn ċerti awturi permezz tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 39 tar-Regolament Nru 1346/2000 li tipprovdi li kull kreditur li għandu r-residenza abitwali, id-domiċilju jew is-sede tiegħu fi Stat Membru ieħor minbarra fl-Istat tal-ftuħ, għandu d-dritt li jipproduċi l-krediti tiegħu bil-miktub fil-proċedura ta' insolvenza. Ara Herchen, A., fi: Pannen, K. (Edizzjoni.), European Insolvency Regulation, De Gruyter, Berlin, 2007, p. 465.

87. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għall-ewwel domanda preliminari fis-sens li l-Artikolu 45 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li permezz tagħha ħaddiem impjegat li ma huwiex residenti fit-territorju ta' Stat Membru ma jistax jippreżenta talba għal tħassir ta' dejn quddiem il-qrati ta' dan l-Istat Membru, anki jekk huwa għandu rabta suffiċjenti mal-imsemmi Stat Membru, komparabbli ma' dik li tirriżulta minn residenza f'dak it-territorju.

## D. Fuq it-tieni domanda preliminari

88. Permezz tat-tieni domanda preliminari tagħha li tqum f'każ li tingħata risposta affermattiva għall-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk ħaddiem impjegat li ma jissodisfax il-kundizzjoni ta' residenza għandux madankollu jkun jista' jikseb aġġustament tad-djun fil-każ fejn il-kundizzjonijiet sostantivi l-oħra jiġu ssodisfatti, li jobbliga lill-kredituri privati joġġezzjonaw għat-tnaqqis jew għall-annullament tad-dejn li debitur li jistabbilixxi ruħu f'pajjiż barra għandu fil-konfront tagħhom.

89. Bilfors għandu jiġi ammess li l-qari tat-tieni domanda preliminari jħalli ċerta inċertezza dwar l-għan reali tad-domanda tal-qorti tar-rinviju. Mill-formulazzjoni ta' din id-domanda jirriżulta li l-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar l-effett utli tal-Artikolu 45 TFUE f'ċirkustanzi bħal dawk ta' dan il-każ.

90. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ssostni li l-kawża prinċipali ma tirrigwardax direttament ir-relazzjonijiet bejn l-individwi u li għalhekk il-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 45 TFUE għandux effett dirett fuq l-imsemmija relazzjonijiet ma hijiex rilevanti. Il-Gvern Daniż jikkunsidra li fiċ-ċirkustanzi tal-każ, l-applikazzjoni tal-Artikolu 45 TFUE tagħti lok għal sitwazzjoni ta' effett orizzontali inċidentali.

91. Nosserva li f'dan il-każ, huma d-dispożizzjonijiet nazzjonali li huma s-suġġett ta' evalwazzjoni fid-dawl tal-Artikolu 45 TFUE u mhux l-aġir tal-individwi li jimponi obbligi fuq individwi oħra [39]. Barra minn hekk, huwa evidenti li dispożizzjonijiet nazzjonali bħal dawk inkwistjoni f'din il-kawża jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 45 TFUE. Meta tali dispożizzjonijiet nazzjonali ma jkunux konformi mat-Trattat, l-applikazzjoni tagħhom għandha tiġi eskluża, u ftit huwa rilevanti jekk hijiex kawża bejn individwi jew bejn individwu u entità tal-Istat.

92. Sussidjarjament, anki jekk wieħed jikkunsidra li t-tieni domanda preliminari għandha tiġi analizzata mill-angolu tal-obbligi imposti fuq kredituri ta' debitur li jibbenefika mill-proċedura għal tħassir ta' dejn, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-kundizzjoni ta' residenza, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tikkostitwixxi kriterju ta' konnessjoni previst minn regola ta' ġurisdizzjoni. Kif jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti tiegħi, ir-regoli ta' ġurisdizzjoni ma jagħtux, tal-inqas direttament, drittijiet sostantivi u lanqas jimponu obbligi materjali fuq individwi. F'dan il-każ, ir-regola ta' ġurisdizzjoni tippermetti biss li jintalab il-ftuħ ta' proċedura għal tħassir ta' dejn quddiem qorti Daniża. Fil-fatt, hija d-deċiżjoni ta' din il-qorti li tagħti drittijiet lil jew timponi obbligi fuq l-individwi.

93. Finalment, ma nistax neskludi li permezz tat-tieni domanda preliminari tagħha l-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment liema konsegwenzi għandha tislet mis-sentenza li ser tagħti l-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-kawża fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda preliminari tkun affermattiva.

94. Huwa minnu li fil-kuntest tal-proċedura għal domanda preliminari, ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tinterpreta d-dritt intern tal-Istat Membru u lanqas li tiddetermina kif dan l-Istat Membru għandu jkun konformi mal-interpretazzjoni tagħha tad-dritt tal-Unjoni. Madankollu, sabiex tingħata risposta utli lill-qorti tar-rinviju, ser nippreżenta xi kummenti dwar dan il-punt.

39 Ara għall-kuntrarju, is-sentenza tas-6 ta' Ġunju 2000, Angonese (C-281/98, EU:C:2000:296).

95. F'dan ir-rigward, nosserva li n-nuqqas ta' konformità ta' kundizzjoni ta' residenza mal-Artikolu 45 TFUE ma twassalx għan-nullità assoluta ta' din il-kundizzjoni. Din in-nuqqas ta' konformità hija biss il-konsegwenza tal-fatt li skont leġiżlazzjoni nazzjonali, fil-każ partikolari, debitur ma jistax jikseb id-deċiżjoni ta' tħassir ta' dejn, anki jekk għandu rabta suffiċjenti mat-territorju ta' dan l-Istat Membru.

96. F'dan il-każ u f'każijiet oħra simili, qorti nazzjonali ma għandhiex teskludi purament u sempliċement il-kundizzjoni ta' residenza u tipproċedi bl-applikazzjoni tad-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni mingħajr ebda rekwiżit relattiv għall-eżistenza ta' rabta bejn id-debitur u t-territorju Daniż.

97. Mill-banda l-oħra, hija tista' tipprevedi soluzzjoni iktar flessibbli, li jekk ikun il-każ, il-kundizzjoni ta' residenza tittaffa, b'tali mod li qrati Daniżi jkunu jistgħu jiddeċiedu dwar talbiet għal tħassir ta' dejn meta teżisti rabta suffiċjenti bejn id-debitur u t-territorju Daniż. Fil-fatt, kif indikajt fil-punt 37 ta' dawn il-konklużjonijiet, b'mod partikolari fl-interess ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, il-maġġor parti ta' regoli ta' ġurisdizzjoni huma bbażati fuq l-idea li għandha teżisti rabta bejn il-forum kompetenti u s-sitwazzjoni inkwistjoni. Għalhekk għandha sempliċement tittaffa r-riġidità tal-kundizzjoni ta' residenza prevista mil-leġiżlazzjoni Daniża sabiex tħalli iktar spazju lill-prinċipju ta' viċinanza hekk stabbilit.

98. Fid-dawl ta' dan l-argument, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għat-tieni domanda preliminari li l-Artikolu 45 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, hija teskluża l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, irrispettivament mill-punt dwar jekk il-proċedura għal tħassir ta' dejn twassalx eventwalment sabiex timponi obbligi fuq individwi.

99. F'dan ir-rigward, nosserva li l-fatt li dawn l-individwi għandhom ibatu t-tnaqqis jew l-estinzjoni ta' krediti li huma għandhom fil-konfront ta' debitur li jistabbilixxi ruħu f'pajjiż barrani jirriżulta minn deċiżjoni tal-qorti Daniża li tiddeċiedi dwar it-talba għal tħassir ta' dejn.

## VI. Konklużjoni

100. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nipproponi li r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għad-domandi preliminari magħmula mill-Østre Landsret (il-Qorti tal-Appell tar-Reġjun tal-Lvant, id-Danimarka) tkun is-segwenti:

1) L-Artikolu 45 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprovdi li ħaddiem impjegat li ma huwiex residenti fit-territorju ta' Stat Membru ma jistax jippreżenta talba għal tħassir ta' dejn quddiem il-qrati ta' dan l-Istat Membru, anki jekk għandu rabta suffiċjenti mal-imsemmi Stat Membru, komparabbli ma' dik li tirriżulta minn residenza f'dak it-territorju.

2) L-Artikolu 45 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, hija teskluża l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, irrispettivament mill-punt dwar jekk il-proċedura għal tħassir ta' dejn twassalx eventwalment sabiex timponi obbligi fuq individwi.